# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 5**

**Rikors numru 43/2019/1/TA**

**Karen Camilleri**

**v.**

**Emanuel Grech**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-attriċi Karen Camilleri minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Mejju, 2024, li biha ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi, bl-ispejjeż kontriha għaliex qalet li din ma tistax titlob danni dwar kif ġie mwettaq appalt jekk qabel ma titlobx lill-Qorti biex tħoll dak l-istess appalt.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-18 ta' Jannar, 2019, l-attriċi Karen Camilleri fissret li hija qabbdet lill-konvenut Emanuel Grech sabiex jagħmlilha bosta xogħlijiet fi proprjetà ġewwa l-Ħamrun. Stqarret li għal dan il-għan, hija ħallset lill-konvenut is-somma ta' ħmistax-il elf ewro, bil-quddiem.

3. Kemm fuq l-ilment li l-konvenut ma wettaqx ix-xogħlijiet li qabditu jagħmel skont kif mitlub mis-sengħa u l-arti, kif ukoll fuq il-premessa li hija ġarrbet ħsara finanzjarja b'konsegwenza ta' dak in-nuqqas, l-attriċi Karen Camilleri talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1) Tiddikjara li l-intimat, minħabba inter alia imperizja, traskuraġni u negliġenza, huwa responsabbli għall-ħsarat riżultanti minn xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti;*
>
> *2) Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominat, l-ammont ta' ħsarat riżultanti minn xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti li għandu jitħallas mill-intimat lir-rikorrenti;*
>
> *3) Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti tali ammont;*
>
> *4) Tiddikjara li l-intimat irċieva flus u m'għamilx ix-xogħol li kien ingaġġat li jagħmel;*
>
> *5) Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominant, l-ammont ta' flus li l-intimat irċieva ta' xogħol li kien ingaġġat li jagħmel u li m'għamilx;*
>
> *6) Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti tali ammont;*
>
> *Bl-ispejjeż kif ukoll l-imgħax kontra l-intimat, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Bi tweġiba maħlufa tat-18 ta' Frar, 2019, il-konvenut Emanuel

Grech wieġeb għall-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1) Illi l-esponenti qiegħed jeċċepixxi n-nullità tar-rikors promotur tal-attriċi stante li tali rikors ma jindikax liema huma dawk il-fatti li hi taf bihom personalment skont id-dettami tal-**Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*
>
> *2) Illi fuq il-mertu l-esponenti qiegħed jilqa' għat-talbiet tal-atturi billi jgħid li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li huwa ma kkawża l-ebda ħsarat u x-xogħol li huwa għamel huwa skont is-sengħa u l-arti;*
>
> *3) Illi kienet l-attriċi li mingħajr raġuni valida skont il-liġi waqqfet lill-esponenti milli jkompli dak li kien miftiehem bejn il-partijiet. Fil-fatt hija lanqas ħalliet lill-esponenti jġib il-perit sabiex għall-grazzja tal-argument jivverifika dak li l-rikorrenti kienet qed tallega u sabiex ukoll ikejjel ix-xogħol li huwa għamel sabiex jiġi stabbilit il-valur tax-xogħol tiegħu. Fil-fatt huwa ħadem b'aktar minn ħmistax-il elf ewro (€15,000);*
>
> *4) Illi tant hu hekk li l-esponenti għamel sitt xhur jaħdem fuq is-sit u qatt ma sar xi forma ta' ilment miegħu fuq ix-xogħol li huwa kien qed jagħmel;*
>
> *5) Illi bla preġudizzju għal dan, ir-rikorrenti lanqas biss ittentat tintima lill-esponenti b'ittra ġudizzjarja fuq il-pretensjonijiet tagħha u għaldaqstant huwa ma għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri f'għar ipotesi li r-rikorrenti tingħata raġun;*
>
> *6) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. B'sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi Karen Camilleri għaliex qieset li l-azzjoni tagħha għad-danni mingħajr talba għall-ħall tal-kuntratt ta' appalt jew inkella għall-eżekuzzjoni tiegħu: *«hija għalkollox ġuridikament inattendibbli.»*

6. L-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjoni tagħha fuq is-saħħa tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *«**Punti ta' fatti***
>
> *1. L-attriċi hija proprjetarja tal-fond 25, Triq San Ġwann, Ħamrun. Ħtiġilha li tagħmel xi xogħlijiet strutturali f'dan il-fond u għalhekk*

*ikkummissjonat lill-konvenut qua kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet li għalihom laħqet ħallset l-ammont ta' €15,000.*

*2. Waqt li l-konvenut beda jeżegwixxi dawn ix-xogħlijiet, l-attriċi ħasset li x-xogħol ma kienx qiegħed isir sewwa. Għalhekk inkarigat lill-Perit William Lewis biex jagħmel rapport u dan wasal għall-konklużjoni li tassew kien hemm xogħol li ma kienx qiegħed isir sewwa (a fol 6).*

*B'konsegwenza ta' hekk l-attriċi waqfet lill-konvenut milli jkompli bix-xogħol. Issa b'din il-kawża qed titlob id-danni minħabba xogħol ħażin imwettaq mill-konvenut.*

***Konsiderazzjonijiet legali***

*3. Għalkemm din il-Kawża hija pjuttost sempliċi f'dawk li huma fatti, mhux daqstant ieħor il-punti ta' liġi involuti fiha. Hemm diversi tipi ta' appalt. Hemm dak fejn l-appaltatur mhux biss jagħti x-xogħol tiegħu (l-opus) iżda anke jipprovdi l-materjal għal dak ix-xogħol li għandu jsir. Imbagħad hemm appalt, fejn il-kuntrattur jista' jagħti x-xogħol iżda mhux il-materjal jew il-materjal iżda mhux ix-xogħol.*

*4**.** Skont din il-Qorti, fil-każ tal-ewwel xorta ta' appalt huma applikabbli ir-regoli taħt l-**Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili**, fejn l-appalt jista' jiġi xolt ad nutum, jiġifieri mingħajr ħtieġa tal-intervent tal-Qorti li tiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt. Din hija regola eċċezzjonali għar-regola ġenerali, li ħadd ma jista' jirretroċedi unilateralment minn kuntratt jekk mhux bil-kunsens tal-parti l-oħra jew b'deċiżjoni tal-Qorti li xxolji l-kuntratt.*

*5. Kif ġie diversi drabi mtenni, «bil-fakultà lilu konċessa mill-istess liġi fis-subinċiż (1) għall-imsemmi **Artikolu 1640**, u b'inizzjattiva proprja tiegħu, il-kommittent jista' unilateralment jirreċedi ad nutum, u fi kwalunkwe mument, mill-appalt. Dan saħansitra anke mingħajr ma joffri l-ebda raġuni jew ġustifikazzjoni.» (Ara **s-sentenza fl-ismijiet Sapienza sive Sophie Spiteri et v. Anthony Galea**, **Qorti Ċivili Prim'Awla, 12 ta' Mejju, 2004**).*

*6. Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, kienet l-attriċi kommittenti li tterminat l-appalt. Di fatti, il-Perit William Lewis xehed li ġew informati mill-attriċi li kienet ser twaqqaf lill-kuntrattur u talbithom jagħmlu rapport dwar dawk ix-xogħlijiet li ma sarux skont l-arti u s-sengħa. Iżda ma ġewx mitluba jagħmlu stima tax-xogħlijiet rimedjali (a fol 112). Anke l-attriċi tgħid li ordnat lill-konvenut jiġbor l-għodda u joħroġ mill-proprjetà (a fol 122 u a' fol 128).*

*7. Issa f'dan ir-rigward ġie tajjeb osservat mill-**Qorti Ċivili Prim'Awla fis-sentenza fl-ismijiet Peter Montebello et v. Grezzju Azzopardi et datata 29 ta' Settembru 2009**, li meta l-kommittent jagħżel li jittermina din «ikollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm (**Art. 1640(5) tal-Kap 16**). Madankollu, f'każ bħal dan,*

*tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utitlità li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt (***Art. 1640(3) tal-Kap 16***). Jekk, min-naħa 'l oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu (***Art. 1640(2) tal-Kap. 16***).»*

*8. Issa minn dan il-bran huwa ċar, li d-danni jissemmew f'dan l-artikolu ma humiex fil-kuntest ta' azzjoni fiha nnifisha, b'mod anċillari bħala qies ta' x'għandu jitħallas l-appaltatur fis-sens li kull danni li jkun sofra l-kommitent u li allura għandhom ikunu mnaqqsa minn dak li għandu jieħu l-appaltatur. Għalhekk, anke li kieku kien japplika dan l-artikolu tal-liġi, l-azzjoni kif proposta mhijiex legalment attendibbli peress li din il-parti tal-liġi ma toffrix azzjoni għad-danni awtonoma fil-każ ta' terminazzjoni ta' kuntratt ta' appalt ad nutum. Għalhekk, jekk l-azzjoni tal-attriċi qed tkun impostata taħt dan l-artikolu, din hija għalkollox legalment inattendibbli u għandha tkun miċħuda għaliex l-artikolu tal-liġi inkwistjoni ma jipprovdix għal azzjoni diretta għad-danni.*

*9. Imma kif diġà rilevat, din il-parti tal-liġi hija biss applikabbli meta l-appaltatur joffri mhux biss ix-xogħol iżda anke l-materjal. Issa l-attriċi tixhed għal liema skop sar il-ħlas u fost oħrajn tgħid hekk: «Bejn l-ewwel żewġ pagamenti kien qiegħed isir it-twaqqigħ. Jekk niftakar sew it-tieni ċekk kien għall-ħlas tat-travi skont kif ordna l-perit u t-tielet pagament riedu għax il-konvenut kellu jixtri xi materjal» (a fol 128). Isegwi għalhekk, li ġaladarba l-konvenut kien qiegħed biss jagħti l-opus iżda mhux il-materjal tant, li kien qiegħed jitħallas għalih u mhux iħallas għalih hu, l-**Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili** mhux applikabbli però anke jekk hu, dejjem hemm ostaklu ieħor kif ser ikun spjegat aktar 'il fuq.*

*10. Iżda kif osservat il-**Qorti Ċivili Prim'Awla fil-kawża Ignazia Degabriele v. George Calleja et tat-30 ta' Ġunju 2004**, li: «Hu magħruf illi fil-każ ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluż f'dan it-terminu n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tajba tax-xogħlijiet, mhuwiex eskluż l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-każ ta' inadempjenza kuntrattwali. Dawn, infatti, jibqgħu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-dispożizzjonijiet speċjali, senjatament ir-riżoluzzjoni u l-ħall tal-kuntratt, ex **Artikolu 1640 tal-Kodici Ċivili**.*

*Hekk allura r-responsabbiltà tal-appaltatur tibqa' tissussisti fejn dan per eżempju jonqos li jikkompleta l-opra affidata lilu jew f'każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni jew ikun naqas mill-obbligazzjoni tiegħu li jeżegwixxi u jikkonsenja l-opra appaltata skont ir-regoli tal-arti u s-sengħa, u x-*

*xogħlijiet jirriżultaw karenti u difettużi.*

*F'ċirkostanzi bħal dawn il-kommittent għandu d-dritt, skont* ***Artikolu 1069 (1) tal-Kapitolu 16****, li jagħżel li jġiegħel lill-appaltatur jeżegwixxi in forma speċifika l-appalt u jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti għad-danni [****Artikolu 1069(2) Kodiċi Ċivili****];" (Sottolinejar ta' din il-Qorti).*

*11. Kif deċiż mill-****Qorti Taljana ta' Kassazzjoni tal-1 ta' Marzu 1995*** *(ara ukoll* ***Roberto Triola Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza, Tieni Edizzjoni, 2002****), «nel contratto di appalto, il committente, che lamenti difformità o difetti dell'opera, può richiedere che la difformità i difetti siano eliminabili a spese dell'appaltatore mediante condanna da esiguirsi nelle forme previste dall'art 2931 codice civile (korrispondenti għall-****Artikolu 1127 tal-Kodiċi Ċivili*** *tagħna) oppure che il prezzo sia ridotto e, in aggunta o in alternativa, che gli venga risarcito il danno derivante dalle difformità o dai vizi» (ara wkoll f'dan is-sens* ***Kollez. Vol. XXX P III p 433****).*

*12. Dan l-awtur ikompli jispjega li «Tale domanda risarcitoria non si identifica con quella diretta all'attribuzione del risarcimento per equivalente che il committente proponga in subordine alla mancata esecuzione specifica della condanna all' eliminazione delle difformità o dei vizi: la prima, infatti, che postila la colpa dell'appaltatore, è utilizzabile per il ristoro del pregiudizio che non sia eliminabile mediante un nuovo intervenuto dell'appaltatore (come nel caso di danni a persone o a cose, o di spese di rifacimento che il committente abbia provveduto di fare eseguire direttamente); la seconda, che prescinde dalla colpa dell'appaltatore tenuto comunque alla garanzia, tende a conseguire un 'minus' rispetto alla reintegrazione in forma specifica, della quale rappresenta il sostitutivo legale, mediante la prestazione della 'eadem res debita', sicché deve ritenersi ricompresa, anche se non esplicitata, nella domanda di eliminazione delle difformità o dei vizi.»*

*13. Għalhekk b'applikazzjoni tat-tagħlim ġurisprudenzjali fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ignazia Degabriele v. George Calleja et*** *supra, jibqa' għall-Qorti li tindaga, jekk l-azzjoni attriċi hijiex postulata fuq ir-rimedji ġenerali kontemplati taħt l-****Artikolu 1069 jew l-Artikolu 1127 tal-Kap. 16.***

*14****.*** *Dawn l-artikoli rispettivament jiddisponu s-segwenti:*

> *«1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet eżegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra teżegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*
>
> *(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni.*

> *1127. Fil-każ li ma tiġix eżegwita obbligazzjoni li biha wieħed ikun intrabat li jagħmel xi ħaġa, il-kreditur jista' jiġi mogħti s-setgħa li jieħu ħsieb jeżegwiha huwa nnifsu bi spejjeż tad-debitur.»*

*Mill-mod kif tfasslu l-kawżali u t-talbiet tal-attur, huwa evidenti li qua kreditur, mhuwiex jipproċedi billi jitlob il-Qorti sabiex ilesti u jirrimedja x-xogħlijiet huwa stess għas-spejjeż tas-soċjetà intimata (sic!), qua debitriċi, skont kif jiddisponi l-**Artikolu 1127**. Dan billi, hekk kif senjalat fil-fatti supra, l-attriċi qabdet u għamlet dan minn jeddha bla ma kienet hekk awtorizzata.*

***15.** Ir-rimedju li wieħed jitlob kundanna għall-ħlas tad-danni mogħti taħt l-**Artikolu 1069(2)** huwa wieħed anċillari, neċessarjament marbut mar-rimedju prinċipali mogħti fl-**Artikolu 1069(1)** li wieħed jitlob għall-ħall jew l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. L-azzjoni attriċi u kif imposta bħala azzjoni merament ta' danni mingħajr it-talba għall-ħall jew eżekuzzjoni tal-kuntratt mhumiex legalment permissibli taħt l-imsemmi **Artikolu 1069** u għaldaqstant anke f'dan ir-rigward ma għandha l-ebda bażi ġuridika.*

*16**.** Dan ifisser li tħares kif tħares lejn l-azzjoni Attriċi din hija għalkollox ġuridikament inattendibbli u għalhekk it-talba Attriċi ser tkun miċħuda.»*

7. L-attriċi Karen Camilleri appellat minn din is-sentenza, b'rikors tal-5 ta' Ġunju, 2024, u hemmhekk hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet kollha tagħha wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

8. Bi tweġiba tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-konvenut Emanuel Grech fisser li l-appell ta' Camilleri mhuwiex mistħoqq u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

9. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. L-attriċi Karen Camilleri qiegħda ssejjes l-appell tagħha fuq aggravju wieħed, li essenzjalment huwa dwar l-argument li l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjonijiet tagħha fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi.

11. Prinċipalment, Camilleri qiegħda tisħaq li hija kellha kull jedd fil-liġi u speċifikatament bl-**Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili**, li twaqqaf lill-konvenut milli jkompli għaddej bix-xogħlijiet. Tfakkar li waqt il-ġbir tal-provi hija stess stqarret li ordnat lill-konvenut sabiex joħroġ 'il barra minn ħwejjiġha u f'dan ir-rigward tirreferi għall-ġurisprudenza sabiex issostni l-argument li l-għemil tagħha kien biżżejjed għall-ħall tal-kuntratt ta' appalt.

12. Tkompli billi tfisser li hija kellha raġunijiet tajba għalfejn waqqfet lill-konvenut milli jkompli għaddej bix-xogħlijiet, u dan proprju għaliex huwa mhux biss għamlilha bosta ħsarat fi ħwejjiġha u fi ħwejjeġ ħaddieħor, iżda wkoll għaliex minkejja li wissietu kemm-il darba sabiex jaħdem skont kif mitlub mis-sengħa u l-arti, dan xorta waħda baqa' m'għamilx hekk.

13. F'dan l-istadju, l-attriċi appellanti tirreferi għal bosta provi, fosthom il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku Godwin Abela, u tisħaq li hija rnexxielha

turi kif il-konvenut tassew naqas milli jwettaq ix-xogħlijiet li qabditu jagħmel skont kif mitlub mis-sengħa u l-arti, u li b'konsegwenza ta' dan hija ġarrbet dannu fl-ammont ta' €10,000.

14. Iżżid li mill-istess rapport tal-Perit Tekniku ħareġ ukoll kif il-konvenut għandu wkoll iroddilha lura s-somma ta' €3,036.30, bħala parti mill-flejjes li għaddietlu bil-quddiem, u f'dan is-sens, targumenta li hija tabilħaqq tgawdi mill-jedd li tirċievi dawk il-flejjes li ġew likwidati mill-perit tekniku bis-saħħa tal-**Artikolu 1640(4) tal-Kodiċi Ċivili**, li jipprovdi hekk: *«(4) [k]ull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.»*

15. F'dan il-qafas, tikkonkludi li hija fir-responsabbiltà tal-konvenut li jħallasha kemm is-somma ta' €3,036.30 bħala rifużjoni mill-bilanċ tal-ħmistax-il elf ewro, kif ukoll d-danni hekk kif likwidati mill-Perit Tekniku.

16. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenut Emanuel Grech qiegħed jisħaq li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija tajba u għall-istess raġunijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, jinsisti li l-azzjoni tal-attriċi għad-danni hija tabilħaqq mingħajr l-ebda sies ġuridiku.

17. B'mod partikolari, jargumenta li l-Ewwel Qorti osservat sewwa li l-azzjoni tal-attriċi għad-danni hija legalment insostenibbli u dan mhux biss għaliex l-**Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili** mhuwiex applikabbli billi huwa ma kienx responsabbli mill-konsenja tal-materjal, iżda wkoll għaliex l-attriċi naqset milli tressaq talba speċifika għall-ħall jew inkella għat-twettiq tal-kuntratt. Iżid li l-attriċi lanqas ma talbet li tingħata l-permess mill-Qorti sabiex issewwi l-ħsarat li qiegħda tallega li għamlilha bi spejjeż tiegħu, u fid-dawl ta' dan jikkonkludi li l-Ewwel Qorti qieset ukoll sewwa li l-azzjoni tal-attriċi hija bla għeruq legali, għaliex lanqas ma hija msejsa fuq l-**Artikoli 1069** jew **1127 tal-Kodiċi Ċivili**.

18. Din il-Qorti taqbel mal-appellanti Karen Camilleri, li l-konklużjonijiet li wasslet għalihom l-Ewwel Qorti huma tassew imsejsa fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi.

19. Jibda billi jingħad, li daqskemm l-**Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili** jgħodd għal dawk il-każijiet li fihom l-appaltatur jitqabbad biex jagħti l-materjal flimkien ma' xogħlu, daqshekk ieħor li l-istess Artikolu japplika għal dawk il-każijiet li fihom l-appaltatur jitqabbad biex jagħti x-xogħol jew is-sengħa tiegħu biss. Fis-sewwa, l-**Artikolu 1640(1) tal-Kodiċi Ċivili**, ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-każijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti, anzi jipprovdi espressament li: ***«[m]in jagħti x-xogħol <u>jista' jħoll, meta</u>***

***jrid, il-kuntratt*, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.»**

20. Id-differenza li għamlet l-Ewwel Qorti bejn il-każijiet li fihom l-appaltatur jitqabbad biex jagħti l-materjal flimkien ma' xogħlu, u dawk il-każijiet li fihom l-appaltatur jitqabbad biex jagħti x-xogħol biss, lanqas ma ssib xi wens fil-ġurisprudenza. Tassew, b'differenza għal dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li min jagħti x-xogħol, igawdi mid-diskrezzjoni assoluta li jtemm il-kuntratt ta' appalt xħin irid u saħansitra *«għal kull raġuni li jfettillu»* (ara ***Dr. Marco A. Ciliberti noe v. C. Fino & Sons Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023 u ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019).

21. L-attriċi appellanti qiegħda għalhekk tgħid sewwa li hija kellha kull jedd fil-liġi, li twaqqaf lill-konvenut milli jkompli għaddej bix-xogħlijiet.

22. Il-Qorti taqbel ukoll mal-appellanti, li mill-ġabra sħiħa tal-provi tassew jirriżulta kif għall-ħabta ta' Awwissu tas-sena 2018, hija tat ordni lill-konvenut sabiex jieqaf mix-xogħlijiet, jiġbor l-għodda u jitlaq 'il barra minn ħwejjiġha (ara x-xhieda tal-attriċi f'paġna 122 tal-atti tal-kawża, kif ukoll il-kontroeżami tal-istess attriċi f'paġna 128 tal-atti tal-kawża).

23. Min-naħa tiegħu, il-konvenut Emanuel Grech mhux talli ma meriex

dan, anzi huwa stess stqarr li wara l-ġrajja msemmija mill-attriċi, huwa saħanistra rċieva mingħandha *«karta bl-avukat biex [j]ieqaf mix-xogħol.»* (ara x-xhieda ta' Emanuel Grech, f'paġna 149 tal-atti tal-kawża).

24. Ġaladarba jirriżulta daqshekk fiċ-ċar li l-attriċi informat lill-konvenut bid-deċiżjoni tagħha li tħoll il-kuntratt ta' appalt inkwistjoni, mela allura l-attriċi ma kellha għalfejn tressaq l-ebda talba għall-ħall tal-kuntratt, jew inkella għall-konferma dwar dak l-istat ta' fatt. Dan għaliex fl-**Artikolu 1640(5) tal-Kodiċi Ċivili** nsibu li: ***«<u>[i]l-kuntratt jinħall immedjatament</u> malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, <u>b'kull mezz li jkun</u>, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u <u>dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti</u>***» (ara ***Carmelo Attard v. Alfred Cini et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 2013).

25. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-attriċi kellha kull jedd fil-liġi li tfittex lill-konvenut direttament għad-danni, u dan bla ma kellha għalfejn tressaq xi talba speċifika sabiex il-konvenut iwettaq sewwa il-biċċa xogħol li qabditu jagħmel, jew inkella sabiex il-Qorti tawtorizzaha twettaq dawk ix-xogħlijiet li l-konvenut allegatament naqas milli jagħmel sewwa, bi spejjeż tiegħu.

26. Huwa miżmum sewwa fil-ġurisprudenza li wieħed mir-rimedji ewlenin li għandu f'idejh il-kommittent f'każ li l-appaltatur jonqos milli

jwettaq xogħlu skont l-arti u s-sengħa, huwa proprju li jmexxi kontrih b'azzjoni għad-danni (ara ***Gheiti & Sons Ltd v. Perit Arkitett Colin Zammit et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April, 2024 u ***Alice Agius v. Benedict Magro*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Frar, 2008).

27. Dan ir-rimedju, huwa msejjes fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt li jitnisslu mill-effetti tal-obbligazzjonijiet u b'mod partikolari mill-**Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili**, li jipprovdi li: *«kull min jonqos li jeżegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni»* (ara ***Mark Portelli v. Raniero Sirol*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 2010 u ***Carmel Bajada v. Michael Mercieca et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-15 ta' Settembru, 2005).

28. L-appaltatur li jwettaq ħażin ix-xogħol li jkun imqabbad jagħmel huwa għalhekk tabilħaqq responsabbli għad-danni kollha li jiġu minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (ara ***C&F Building Contractors Limited v. Alfred Baldacchino Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024), u għaldaqstant, ġaladarba l-attriċi sejset it-talbiet tagħha għad-danni fuq il-kawżali li l-konvenut ma wettaqx ix-xogħlijiet li qabditu jagħmel skont l-arti u s-sengħa, hija kellha kull jedd fil-liġi li tmexxi kontrih b'talba għad-danni.

29. Issa jekk l-attriċi għandhiex raġun fil-mertu, hija mbagħad kwistjoni oħra, però li hu żgur hu, li hija setgħet tfittex lill-konvenut għad-danni, u dan indipendentement mid-drittijiet li seta' kellha taħt l-**Artikoli 1069** jew **1127 tal-Kodiċi Ċivili** (ara ***Jesmar Valletta et v. Patrick Grech et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Marzu, 2003).

30. Il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti huma għalhekk tassew imsejsa fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti sejra tkun qiegħda tgħaddi biex tħassar is-sentenza appellata.

31. Billi l-Ewwel Qorti waqfet għalkollox milli tqis il-kwistjoni fil-mertu, din il-Qorti, bil-għan li żżomm fi sħiħ il-jedd tal-partijiet għal eżami doppju, sejra tkun qiegħda tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti, biex b'hekk tiddeċiedi t-talbiet tal-attriċi, fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-attriċi Karen Camilleri, u għalhekk qiegħda tħassar is-sentenza appellata, u tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex taqta' l-kawża skont il-liġi, u dan fid-dawl ta' dak deċiż b'din is-sentenza. L-ispejjeż kollha b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell għandhom jitħallsu

mill-konvenut appellat Emanuel Grech.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da